**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 31 ta' Mejju 2023

Rikors Numru: 302/2021/2 AL
*Fl-ismijet:*

**A B C**

**vs**

**D E C**

**(Att taż-Żwieġ bin-Numru Progressiv 1855/1999)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tal-attriċi A B C ta' nhar it-18 ta' Jannar 2023, li permezz tiegħu ppremettiet:[1]

[1] Fol. 2.

*Illi hija għandha interess illi din l-Onorabbli Qorti tordna l-waqfien l-komunjoni ta' l-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet ai termini ta' l-Artikolu 55 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Illi 'l biċċa 'kbira tal-provi dwar il-konsistenza tal-komunjoni tal-akkwisti laħqu tressqu.*

*Illi l-ebda parti sejra tbati xi preġudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti.*

*Għaldaqstant, l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet ai termini ta' l-Artikolu 55 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

Rat id-digriet tal-Qorti datat l-20 ta' Jannar 2023, fejn ġiet ordnata n-notifika tal-atti lill-kontroparti bil-fakolta' li jwieġeb permezz ta' risposta entro ħamest' (5) ijiem utli minn dakinhar tan-notifika;[2]

Rat ir-risposta tal-konvenut D E C tat-3 ta' Frar 2023, fejn ġie eċċepit:[3]

1. *Illi t-talba tal-attrici ghall-hall tal-komunjoni tal-akkwisti għandha tigi respinta bl-ispejjes, billi l-esponent jissottometti reventement illi l-hall ta' l-istess komunjoni kemm il-darba ordnata pendente litem minn dina l-Onorabbli Qorti sejra ggib pregudizzju sproporzjonat ghall-esponent.*

2. *Illi l-esponent huwa tal-umli fehma illi jekk dina l-Onorabbli Qorti tordna l-ħall tal-istess komunjoni, pendente litem, huwa sejjer isofri pregudizzju sproporzjonat u dan ghas-segwenti ragunijiet:*

    a. *Illi primarjament sa' issa l-attriċi ghamlet l-ghalmu taghha sabiex tahbi l-verita u cioe l-istampa kollha dwar id-dhul shih taghha. Illi – minn dak li jaf l-esponent – l-attrici hija mpjegata kemm mal-Universita ta' Malta,[4] u kif ukoll tmexxi 'private practice';*

    b. *Illi jinghad f'dan l-istadju illi l-attrici qeghda sistematika taghmel li tista biex ma tizvelax id-dhul kollu taghha, liema dhul taghha jincidi storikament fil-prezent u anka fil-futur, fuq dik li tkun il-konsistenza tal-gid komuni qabel issir*

[2] Fol. 3.
[3] Fol. 5.
[4] Illi ghadhom ma xehedux fil-proceduri odjerni, ghad illi mharrka mill-esponent.

*il-hall tal-komunjoni tal-akkwisti u l-konsistenza tal-gid parafernali, ukoll skont l-artikolu 1334 et sequitur tal-Kodici Civili peress illi huwa risaput illi jekk il-gid komuni ma jkunx gie likwidat b'mod preciz qabel il-hall tal-komunjoni, bicciet minnu jsiru parafernali bis-semplici espedjent ta' zbalji dwar id-data tal-akkwist ossija qliegh tieghu;*

c. *Illi l-esponent huwa tal-umli fehema illi sejjer ssofri pregudizzju sproporzjonat ukoll minhabba l-fatt illi l-konvenut huwa penzjonant u qieghed jiehu trattament ghall-kancer u ghalhekk huwa impossibbli ghall-esponent illi jkun impjegat u jiggenera dhul sufficjenti. Minn naha l-ohra l-attrici hija ghal kollox libera illi tiggenera dhul bir ghaliha nnifisha;*

d. *Illi d-diparita' enormi bejn il-qligh iggenerat mill-attrici u d-dhul tal-konvenut – kif gja inghid illum pensjonant – ghad ghandu – u jehtieg illi – jigi pprovat fil-kawza odjerna;*

3. *Illi l-ligi ma tridx dawn id-differenzi ekonomici f'familja wahda u wisq anqas trid illi parti mizzewga tigi eonomikament penalizzata ghaliex tkun, wara illi iddedikat ruhha – fl-interess komuni – ghal interess tal-familja, issa tispicca pregudikata ghax pensonanta u marida.*

*Gha; dawn ir-ragunijiet, l-esponent huwa tal-umli fehma illi dina l-Onorabbli Qorti ghandha tichad it-talba maghmula mill-attrici, billi din sejra ggib pregudizzju sproporzjonat ghall-esponent.*

Rat id-dokumenti kollha esebiti u l-atti proċesswali kollha;

Rat illi r-rikors tħalla għal-lum għas-sentenza.[5]

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

**1. L-Azzjoni Odjerna:**

Il-Qorti għandha quddiemha talba min-naħa tal-attriċi A B C sabiex pendenti l-kawża bejn il-partijiet tiġi xolta l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejniethom, hekk kif l-attriċi stess tikkontendi *"l-ebda parti sejra tbati xi pregudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti"*. Min-naħa l-oħra, il-konvenut joġġezzjona għal din it-talba

[5] Fol. 7.

fejn in sinteżi jibbaża l-oġġezzjoni tiegħu fuq is-segwenti binarji: (i) l-attriċi qed tonqos milli tagħti stampa sħiħa tal-introjtu tagħha sabiex b'hekk il-konsistenza ta' dak li jifforma parti mil-komunjoni tal-akkwisti ma jkunx likwidat b'mod preċiż u dan a favur tal-attriċi stess, (ii) disparita' enormi bejn il-qligħ iġġenerat mill-attriċi u l-konvenut, u (iii) l-konvenut huwa pensjonant u qiegħed jieħu trattament għal kanċer b'hekk huwa impossibbli għalih li jaħdem u jkollu introjtu ieħor. Għalhekk skont il-konvenut, f'każ li t-talba tal-attriċi tiġi akkolta, huwa ser isofri preġudizzju sproporzjonat.

## 2. Prinċipji Legali:

F'dan l-istadju l-Qorti tagħmel referenza għall-Artikolu 55 subinċiż 1 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta li jagħtiha l-fakolta' li f'kull żmien matul is-smigħ tal-kawża ta' firda personali, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni tar-residwu taħt amministrazzjoni separata. L-istess Qorti trid neċessarjament tevalwa jekk xi waħda mill-partijiet tkunx ser tbati preġudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda u dan *ai termini* tal-Artikolu 55(4) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Artikolu 55 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi s-segwenti:

*"(1) Il-qorti tista', f'kull żmien matul is-smigħ tal-kawża ta' firda, fuq talba ta' wieħed jew l-oħra mill-miżżewġin, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li teżisti bejn il-miżżewġin.*

*(2) L-ordni tal-waqfien tal-komunjoni kif imsemmi fis-subartikolu (1) għandha tingħata b'sentenza li minnha kull parti jkollha l-jedd illi tappella mingħajr ma jkun hemm ebda ħtieġa ta' permess tal-qorti għal dan.*

*(3) L-ordni ta' waqfien tkun tgħodd bejn il-miżżewġin minn dakinhar tas-sentenza tal-appell jew, jekk ma jsirx appell, minn dakinhar illi jgħaddi ż-żmien imħolli għall-appell, u tibqa' tgħodd ukoll jekk il-kawża ta' firda ma titkompliex.*

*(4) Qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni kif provdut f'dan l-artikolu, il-qorti għandha tqis jekk xi parti tkunx sejra tbati preġudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda.*

*(5) L-ordni ta' waqfien taħt dan l-artikolu għandha, a spejjeż tal-parti li tkun talbet dak il-waqfien, tkun notifikata lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u dik l-ordni għandu jkollha effett daqs li kieku l-waqfien talkomunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata sar b'att pubbliku.*

*(6) Sakemm il-qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, fuq it-talba ta' waħda mill-partijiet, ma tkunx ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li teżisti bejn ilpartijiet fil-bidu tal-kawża ta' firda, meta tagħti s-sentenza tal-firda, il-qorti għandha tordna li l-komunjoni tal-akkwisti jew il-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li jkun hemm bejn il-partijiet tispiċċa mill-jum li fih is-sentenza tkun finali u konkluživa.*

*(7) Il-qorti tista' iżda, meta fil-fehma tagħha ċ-ċirkostanzi hekk jeħtieġu, tordna li beni li jkunu parti mill-komunjoni ma jinqasmux qabel ma jgħaddi dak iż-żmien wara li tispiċċa l-komunjoni li tista' fl-ordni tistabbilixxi.*

*(8) Kull ordni mogħti mill-qorti skont is-subartikolu (7), jista', għal raġuni tajba, jinbidel jew ikun revokat mill-qorti."*

In sinteżi, l-iskop tal-Artikolu 55 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta jiġi delinejat fis-sentenza fl-ismijiet **Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi**,[6] fejn ġie mgħallem illi: *"In tema legali jinghad illi l-Artikolu 55 tal-Kap. 16 li fuqha hija bbazata t-talba attrici, jaghti l-fakolta' lil parti jew ohra li "f'kull zmien matul is-smiegh tal-kawza ta' firda titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni tar-residwu taht amministrazzjoni separata li tkun tezisti bejn il-konjugi…….t-talba għall-waqfien m'ghandiex tinghata jekk parti tkun ser issofri "pregudizzju mhux proporzjonat". Inoltre, l-oneru tal-prova ta' dan ir-rekwizit jirrisjedi fuq min qed jallegah, skont il-principju incumbit ei qui dicit non ei qui negat."*

Dan kompla jiġi kkonfermat riċentament fis-sentenza fl-ismijiet **Claire Pisani vs Joseph Pisani**,[7] fejn il-Qorti tal-Appell kompliet tirriafferma illi *"dak li trid il-ligi huwa li kull parti pendenti l-proceduri tas-separazzjoni jkollha l-fakolta` li jekk trid tista' titlob il-waqfien tal-komunjoni u li din it-talba m'ghandhiex tintlaqa' biss jekk il-Qorti tara li bil-waqfien tal-komunjoni parti jew ohra tkun ser issofri pregudizzju mhux proporzjonat. Ghalhekk dak li hu sostanzjalment relevanti huwa d-dritt moghti lill-parti biex jaghmel talba simili u li tali talba ma tintlaqax jekk fic-cirkostanzi tal-kaz il-waqfien ser jikkaguna pregudizzju mhux proporzjonat lil parti l-ohra".*

Il-Qorti tagħmel ukoll referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Dorianne Sammut vs Charles Sammut**,[8] fejn kompla jiġi affermat illi: *"Fi kliem iehor il-pregudizzju irid ikun sproporzjonat fis-sens li mhux kull pregudizzju jaghti lok ghal cahda ghat-talba in*

[6] Deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar it-28 ta' Marzu 2014.
[7] Deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar il-24 ta' Ottubru 2019.
[8] Deċiza mill-Qorti tal-Appell nhar il-31 ta' Mejju 2019.

*kwistjoni. Huwa evidenti ukoll li l-ghan tal-legislatur, certament konxju kemm jistghu jitwalu vertenzi simili, kien li tieqaf kemm jista' jkun malajr il-komunjoni tal-akkwisti biex ghall-inqas f'dan l-aspett, il-partijiet ikunu jistghu ikomplu jghixu hajjithom separatament gialadarba l-konvivenza bejniethom mhijiex aktar possibli. L-appellanti gia kellha erba' snin qabel id-decizjoni appellata (u issa sitt snin) biex tressaq il-provi taghha u din il-Qorti hija konsapevoli ukoll ta' kemm idumu ghaddejjin dawn il-vertenzi hafna drabi minhabba lusingar tal-partijiet biex iressqu l-provi kollha taghhom".*

### 3. Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Każ Odjern:

Il-Qorti tibda sabiex *in primis* tara illi l-partijiet iżżewġu fid-9 ta' Otturbu 1999, u għandhom tifla li hija maġġorenni. Bħalissa bejn il-partijiet hemm żewġ kawżi ta' separazzjoni fl-ismijiet inversi, li qegħdin jinstemgħu flimkien minn din il-Qorti, fejn dik mibdija mill-attriċi nbdiet nhar l-20 ta' Diċembru 2021, filwaqt li dik tal-konvenut inbdiet nhar id-9 ta' Frar 2021, u l-provi qegħdin jinstemgħu quddiem Assistent Ġudizzjarju. Mill-atti tal-kawża jirriżulta li sallum iż-żewġ partijiet ippreżentaw l-affidavit tagħhom, u tresqu diversi xhieda u dokumenti rigward l-assi tal-partijiet. Jidher li dak li jifforma parti l-komunjoni tal-akkwisti s'issa huma d-dar matrimonjali, *parking space*, qabar, kontijiet bankarji, investimenti u vetturi. Konsegwentament nhar it-18 ta' Jannar 2023, l-attriċi ppreżentat rikors u talbet lil din il-Qorti sabiex tordna t-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti. Il-konvenut wieġeb nhar it-3 ta' Frar 2023, u b'digriet mogħti fis-6 ta' Frar 2023 il-Qorti appuntat ir-rikors għas-sentenza għal-llum, u dan ġialadarba li ħadd mill-partijiet ma talab sabiex il-Qorti tagħti l-opportunita` li jitressqu provi qabel tagħti s-sentenza odjerna.

Stabbilit il-premess, il-Qorti tissottolineja illi meta rinfaċċjata b'rikors ta' din in-natura hija marbuta permezz tal-Artikolu 55 subinċiż 4 tal-Kodiċi Ċivili li, qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti, hija għandha teżamina u tara jekk xi parti jew oħra tkunx sejra tbati xi preġudizzju mhux proporzjonat b'tali waqfien pendenti l-kawża. Fil-fehma tal-Qorti jidher illi l-ilmenti tal-konvenut huma tlieta:

i. *L-attriċi qed tonqos milli tagħti stampa sħiħa tal-introjtu tagħha sabiex b'hekk il-konsistenza ta' dak li jifforma parti mil-komunjoni tal-akkwisti ma jkunx likwidat b'mod preċiż u dan a favur tal-attriċi stess:*

F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Diane Galea vs Brian Galea**,[9] fejn ingħad illi

[9] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja), kif presjeduta, nhar it-12 ta' Diċembru 2019 (Rikors Numru 179/2018 AL), u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell nhar is-26 ta' Novembru 2020.

*"Il-Qorti ttenni il-prinċipju li dejjem ħaddnet u ċjoe` li dak li sal-lum huwa formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti ser jibqa' hekk sakemm ikun hemm il-qasma tal-proprjeta` tal-partijiet. Għaldaqstant, dak kollu illi llum jappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti, ser jibqa' hekk jappartjeni lill-istess komunjoni, irrispettivament minn min ikollu l-pussess tal-istess flus.*

*"Dan ifisser illi jekk ikun ippruvat illi r-rikorrent għandu fil-pussess tiegħu flus li kiseb sat-tmien tal-komunjoni tal-akkwisti, dawn ser jibqgħu taż-żewġ partijiet u jiġu assenjati skont il-liġi, fid-deċiżjoni finali ta' din il-Qorti.*

*"Illi wkoll, dwar l-ilment tal-intimata referibbilment għall-introjtu tal-intimat, dan ma jikkostitwix preġudizzju mhux proporzjonat iżda huwa frott naturali tal-firda, li ladarba l-partijiet jisseparaw, jibqa' taż-żewġ partijiet dak li jappartjeni lill-komunjoni u mhux il-paga li jista' jaqla' aktar 'il quddiem l-intimat Brian Galea. Dak se mai għandu jiġi evalwat għal fini ta' manteniment".*

Fid-dawl tal-premess, il-Qorti tara li tali insenjament għandu japplika ukoll għal każ in eżami. Għalhekk, tali oġġezzjoni, u dan abbażi ta' dak li kkonfermat ukoll il-Qorti tal-Appell, ma jikkostitwixxix preġudizzju sproporzjonat.

ii. <u>*Disparita' enormi bejn il-qligħ iġġenerat mill-attriċi u l-konvenut:*</u>

F'dan il-kuntest, din il-Qorti kellha l-opportunita' li tesprimi l-ħsibijiet tagħha f'każijiet oħra, fejn ġie mgħallem illi:

*"Il-Qorti hija tal-fehma li dak li qed tibża' minnu l-intimata ma jikkostitwiex preġudizzju mhux proporzjonat. Din il-Qorti dejjem uriet il-fehma li huwa propju fl-ambitu u fl-iskop tal-liġi illi <u>meta l-ħajja miżżewġa tal-partijiet tispiċċa, konjuġi ma jibqax igawdi l-frott tal-ħidma tal-konjuġi l-ieħor</u>. Huwa dan l-iskop, jew wieħed mill-iskopijiet, għall-waqfien tal-komunjoni fi stadju bikri talproċeduri tal-firda, għaliex jista' jkun ta' preġudizzju għal konjuġi wieħed jekk il-komunjoni tal-akkwisti tibqa' viġenti u l-konjuġi l-ieħor jibqa' jgawdi l-frott tal-ħidma tal-ewwel konjuġi, minkejja li l-ħajja matrimonjali bejniethom tkun spiċċat;18 Dana naturalment mingħajr ebda preġudizzju għal kwalsiasi manteniment li jista' jkun dovut.*

*M'hemm l-ebda dubju li fil-każ odjern, il-ħajja matrimonjali tal-partijiet spiċċat u llum jinsabu jgħixu indipendentement minn xulxin. Kienet l-attriċi nnifisha li rrikonoxxiet dan meta ntavolat il-proċeduri odjerni għas-separazzjoni personali tal-partijiet. Fil-fehma tal-Qorti, f'dawn iċ-ċirkostanzi fejn il-ħajja matrimonjali bejn il-partijiet spiċċat, u m'hemmx wisq prospett ta' rikonċiljazzjoni bejniethom, tant li l-medjazzjoni*

*bejniethom ma rnexxietx, l-attriċi m'għandhiex tibqa' tippretendi nofs l-introjtu ta' żewġha u dan irrispettivament u indipendentement mill-fatt li prima facie jirriżulta li hija għandha titħallas manteniment mingħandu".*[10]

Fil-fatt jingħad illi l-Qorti tal-Appell, filwaqt li kkonfermat il-ħsieb surreferit ta' din il-Qorti, kif presjeduta, kompliet iżżid illi:

*"Il-Qorti tosserva li huwa minnu li fiz-zwieg fejn jezisti r-regim tal-kommunjoni l-partijiet huma socji indaqs, izda huwa minnu wkoll li bis-separazzjoni anke de facto s-sitwazzjoni tal-partijiet tinbidel partikolarment bhal fil-kaz prezenti fejn il-firda de facto tkun ilha zmien tezisti bejn il-partijiet".*[11]

Huwa stat ta' fatt li ormai l-partijiet għandhom ħajja indipendenti minn xulxin u fid-dawl ta' dan, anke jekk jaf hemm disparita' fl-introjtu tal-partijiet, dan ma huwiex biżżejjed sabiex il-konvenut jibqa' jibbenefika mill-frott tal-attriċi. Fl-affidavit tiegħu, il-konvenut jsostni illi huwa għandu €1,200 f'pensjoni inkluż pensjoni minn Malta, Renju Unit u l-Awstralja.[12] F'każ li l-konvenut huwa tal-fehma li tali introjtu ma huwiex biżżejjed sabiex jgħajjex lilu nnifsu, bil-kontinwazzjoni tal-adoperazzjoni tar-reġim tal-komunjoni tal-akkwisti mhux ser isolvi l-problema tiegħu u għalhekk ma jistgħax jivvanta illi ser jiġi ppreġudikat b'mod sproporzjonat. Minnflok, iżda huwa għandu dejjem a disposizzjoni tiegħu r-rimedju illi jitlob il-manteniment *pendente lite* minn martu ai termini tal-Artikolu 46A tal-Kodiċi Ċivili, liema talba tkun konsegwentament meqjusa mill-Qorti abbażi ta' provi appożiti. Għalhekk tali oġġezzjoni, lanqas ma hija fondata.

iii. *<u>L-konvenut huwa pensjonant u qiegħed jieħu trattament għal kanċer b'hekk huwa impossibbli għalih li jaħdem u jkollu introjtu ieħor.</u>*

F'dan il-kuntest il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Lorraine Farrugia vs Anton Farrugia**,[13] fejn din l-Onorabbli Qorti saħqet:

*"Il-qorti tara li fiċ-ċirkustanzi, tenut kont tal-fatt li jidher li l-piż finanzjarju kollu tpoġġa fuq ir-rikorrenti, l-fatt li l-intimat ma jistax jaħdem minħabba l-mard tiegħu, l-fatt li l-istess intimat għandu introjtu zgħir immens li faċilment jista' jwasslu sabiex jagħmel id-dejn ma' terzi u konsegwentement jiggrava l-komunjoni tal-akkwisti*

[10] Ara s-sentenza fl-ismijiet **Elizabeth Spiteri vs Carmelo Spiteri**, deċiza mill-Qorti tal-Familja, kif prejeduta, nhar il-15 ta' Marzu 2018.
[11] Ara s-sentenza fl-ismijiet **Elizabeth Spiteri vs Carmelo Spiteri**, deċiza mill-Qorti tal-Appell nhar l-24 ta' Ottubru 2019.
[12] Fol. 25, tal-proċess bin-numru 38/2022 AL fl-ismijiet inversi.
[13] Deċiża nhar it-18 ta' Settembru 2013 mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja), kif presjeduta, (Rikors Numru 210/2008AL), mhux appellata.

*eżistenti bejniethom b'mod li jkun jippreġudika l-iżjed lir-rikorrenti, din il-qorti tasal biex tikkonkludi li ma jkun hemm ebda preġudizzju mhux proporzjonat f'każ li jkun hemm il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejniethom f'dan l-istadju."*

Magħdud mal-premess, il-Qorti tagħmel referenza ukoll għas-sentenza fl-ismijiet **Isabelle Camilleri vs George Camilleri**,[14] fejn ingħad ukoll illi:

*"Fir-rigward tat-tieni (2) u t-tielet (3) oġġezzjoni, il-Qorti hija tal-fehma illi l-argumenti mresqa f'forma ta' oġġezzjoni da parti l-attriċi għat-talba kif dedotta mill-konvenut huma f'dan l-istadju irrelevanti. Il-kwistjoni ta' problemi ta' saħħa, u l-ħlas ta' kontijiet ma jiċċentrawx fil-kwistjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u f'kaz li tintlaqa' t-talba tal-konvenut, l-attriċi mhix ser isofri minn preġudizzju sproporzjonali. L-argument tal-attriċi li ma tistgħax taħdem iktar minħabba l-problemi ta' saħħa, jekk xejn, jista' jitqies bħala motiv għall-awment fil-manteniment pagabbli għaliha nnifisha, milli bħala raġuni għaliex il-komunjoni tal-akkwisti għandha tibqa' viġenti bejn il-partijiet. (...) Għaldaqstant, il-Qorti ma tarax kif dawn iz-zewġ argumenti ppruvaw illi l-attriċi ser tiġi preġudikata sproporzjonalment f'kaz li tiġi terminata l-komunjoni tal-akkwisti".*

Għaldaqstant, lanqas din il-Qorti ma tista' tara li din l-oġġezzjoni tista' tiġi milqugħa.

Stabbilit il-premess, il-Qorti ma tarax illi għalhekk l-oġġezzjoni tal-konvenut hija valida u l-preġudizzju vvantat minnu huwa altru milli wieħed li jippreġudika l-pożizzjoni tiegħu. Fiċ-ċirkostanzi, il-Qorti ma tinsabx sodisfatta li l-konvenut ressaq dik il-prova sal-grad rikjest mil-liġi illi huwa verament ser isofri minn preġudizzju sproporzjonat f'każ li titwaqqaf il-komunjoni tal-akkwisti. Il-Qorti tirribadixxi l-insenjament kif elenkat fis-sentenzi fl-ismijiet **Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi** u **Claire Pisani vs Joseph Pisani**, ċitati *supra*, u ċjoe' li min ikun qiegħed jallega li ser isofri preġudizzju mhux proporzjonat għandu jġib tali prova, għandu japplika ukoll għar-rikors odjern. Magħdud ma' dan u fis-sentenza **Jael Cassar vs Robert Cassar**,[15] ġie ritenut illi *"Eżami tal-artikolu 55(4) juri illi mhux kull preġudizzju li tista' tivvanta xi parti b'opposizzjoni għal sentenza in parte għall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jikkwalifika bħala ostakolu għall-pronunzja ta' tali sentenza. Is-sub-inċiż 4 tal-Artikolu 55 jipprovdi illi l-Qorti għandha tippronunzja l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti qabel is-sentenza finali kemm-il darba xi parti ma tkunx ser tbati "preġudizzju mhux proporzjonat".*

[14] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja), kif presjeduta, nhar it-18 ta' Marzu 2021 (Rikors Numru 107/2017/1 AL), mhux appellata.
[15] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) nhar it-3 ta' Diċembru 2013.

Għaldaqstant, u tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha, ma hemmx dubju għal din il-Qorti illi l-ħajja miżżewġa ta' bejn il-partijiet spiċċat definittivament, fejn il-partijiet qegħdin jgħixu ħajja indipendenti minn xulxin, u ma jidhirx li hemm wisq prospett ta' rikonċiljazzjoni bejniethom, tant li l-medjazzjoni bejniethom ma rnexxietx u ż-żewġ partijiet intavolaw azzjoni għal firda personali. Il-Qorti ittenni l-prinċipju li dejjem[16] ħaddnet u ċjoe' illi dak li sal-lum huwa formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti ser jibqa' hekk sakemm ikun hemm il-likwidazzjoni u l-qasma tal-proprjeta` tal-partijiet. Issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Ronald Asciak vs Antonia Asciak**, fejn ingħad illi *"l-ordni tal-waqfien tal-komunjoni tirreferi ghall-futur u mhux ghall-passat, b'mod li dak li setghu ghamlu z-zewg partijiet qabel id-data li fiha tkun inghatat l-ordni ma jippregudikax is-sehem taghhom mill-istess komunjoni. Ilpartijiet ghandhom id-dritt li jibqghu jressqu provi dwar l-assi tal-komunjoni ezistenti sa dik id-data, anke wara li tkun inghatat l-ordni tal-waqfien"*.[17]

Għalhekk tenut kont taċ-ċirkostanzi odjerni, il-Qorti tara pjuttost illi tali terminazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti abbażi ta' dak dikjarat mill-attriċi fir-rikors odjern, ser ikun ta' benefiċċju għaż-żewġ partijiet. Għalhekk, il-Qorti hi tal-fehma li effettivament jekk tilqa' t-talba tal-attriċi ħadd mill-partijiet mhu ser isofri xi preġudizzju sproporzjonat u dan peress li kif diġa' ġie premess iktar 'il fuq, kull parti tista' tkompli ttella' l-provi rigward l-assi, kemm dawk parafernali u kif ukoll dawk appartenenti lill-komunjoni tal-akkwisti, fejn konsegwentament il-Qorti tgħaddi sabiex tipprovdi rigward dan fis-sentenza finali meta tigi biex tillikwida u tassenja l-assi formanti mill-komunjoni ta' l-akkwisti, wara li jkunu nġabru l-provi kollha.

**DEĊIDE:**

GĦALDAQSTANT u fir-rigward tar-rikors odjern, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi tiddisponi mill-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut, u tgħaddi sabiex tilqa' it-talba attriċi u tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti li teżisti bejn il-partijiet b'mod immedjat u dana ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kodiċi Ċivili, b'dana illi r-reġim matrimonjali li għandu japplika bejn il-partijiet mill-ġurnata li din is-sentenza tgħaddi in ġudikat huwa dak tas-separazzjoni tal-beni; tordna ukoll lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fi żmien ġimgħa minn mindu din is-sentenza preliminari tgħaddi in ġudikat, javża lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bl-istess sentenza sabiex ikun jista' jirreġistraha ai termini tal-Artikolu 55 subinċiż 5 tal-Kodiċi Ċivili.

L-ispejjeż ta' din is-sentenza *in parte* jibqgħu riżervati għall-ġudizzju finali.

---

[16] *Vide* f'dan is-sens is-sentenzi ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Philip Caruana vs. Gemma Caruana** (Rikors 207/17/1AL) deċiża fis-16 ta' Mejju 2018 u **Michelle Gaffiero vs. Jesmond Gaffiero** (Rikors 223/17/1AL) deċiża fis-7 ta' Marzu 2018;

[17] Deċiza mill-Qorti tal-Appell nhar il-5 ta' Diċembru 2019.